MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2006

Avviz Numru. 56/2006

**Socjeta' Maltacom p.l.c. [C 22334]**

**vs**

**J.P. Imagination Limited [C 31376]**

**I**l-Qorti,

Wara li rat it-talba ta' l-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elf, tmien mija u wiehed u sittin lira Maltin u tnejn u tmenin centezmu (Lm1,861.82), bilanc ta' somma akbar rapprezentanti ammont minnu dovut in konnessjoni ma' servizzi telefonici li jgibu n-numri 21422544, 21660849, 21895076 u 21890580 dana skond ma kif jidher mill-annessi dokumenti mmarkati  Dok. A, b u C.

Bl-ispejjez, tar-rikors u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata tar-

rikors, kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fit-30 ta' Ottubru, 2006 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------